**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 12 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur. Nru.:202/2020 JPG**
**Kawza Nru: 2**

**SB**

**Vs**

**NB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 12 ta' Novembru 2020 a fol 1 et seq li jaqra hekk:

*Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom li ssehh nhar 28 ta' Awwissu elfejn u hmistax, bir-rit civili u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat bhala Dok A):*

*Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal, AB imwieled V, YB imwielda W, BN imwielda f'X, u BS imwielda f'Y u dan kif jidher mic-certifikati tat-twelied (annessi u mmarkati bhala Dok B)*

*Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet konjugi B m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi ta' kull natura imma l-aktar xorb, minacci, ingurji gravi, vjolenza domestika u adulterju u b'hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b' mod irrimedjabbli u l-hajja konjugali hija impossibbli;*

*Illi r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-intransigenza tal-konvenut;*

*Illi l-partijiet naqsu ukoll milli jaslu ghall-separazzjoni bonarja bejniethom minhabba il-fatt illi l-konvenut baqa jippretendi li jkollu drittijiet fuq it-tfal kif ukoll fuqha b'tali mod illi rrenda il-hajja taghha u ta' uliedhom impossibbli u ghaldaqstant ir-rikorrrenti kelha tintavola dawn il-proceduri;*

*Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'din il-kawza u dan skond l-istess digriet moghti minn l-Imhallef A G Vella fi sittax ta' Settembru 2020 (Anness Dok C)*

*Illi inharget ukoll Garanzija ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' hames snin fir-rigward ta' l-attrici uliedha, qraba u familjari mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Kriminali mill-Onor Magistrat Dr Astrid May Grima fi 11 ta' Settembru 2020 (Anness Dok D)*

*Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-konjugi minhabba sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi u anke adulterju da parti tal-konvenut NB lejn martu SB.*
2. *Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f' idejn l-attrici u li jkomplu jirrisjedu maghha esklussivament u tordna illi l-Omm tkun tista tiehu dawk id-decisjonijiet kollha kemm ta' natura ordinarja kif ukoll staordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri inkluz tapplika u tottjeni passaport ghal minuri wahedha minghajr il-bzonn tal-kunsens u firma tal-missier.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentari li s'isssa qatt ma thallset hekk kif kien iddekretat mill-Imhallef A G Vella ta' sitt mitt ewro fi xahar.*
4. *Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon wiehed lill-attrici u l-iehor lill-konvenut okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportune u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fl-istess att.*
5. *Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha.*
6. *Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 su 53 tal-Kodici Civili.*
7. *Tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*
8. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghall-kunjom xbubita.*

*Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata 22 ta' Dicembru 2020 a fol 28 et seq li taqra hekk:*

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti jaccetta li ghandu jkun hemm is-separazzjoni personali pero t-tort huwa esklussivament tar-rikorrenti stante li:*
2. *Illi ma hemmx qbil dwar kura u kustodja esklussiva imma ghandha tkun kongunta. L-esponenti huwa missier ragonevoli u kapaci jiehu hsieb it-tfal;*
3. *Illi l-esponenti kellu incident fejn ghandu dizabilita u ma jistax jahdem u ghalhekk ma jistax jipprovdi ghall-manteniment daqstant gholi u jghix biss fuq l-assistenza socjali;*
4. *Illi l-esponenti jaqbel ma din it-talba;*
5. *Illi ma hemm ebda assi parafernali tar-rikorrenti stante li telaq mid-dar matrimonjali ta fuq senduqu.*
6. *Illi ma hemm ebda raguni il-ghaliex ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet tal-Ligi;*

*7 u 8 illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghal dawn it-talbiet.*

Rat id-Dokumenti esebiti in atti;

Semghat ix-xhiedha;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar is- 6 ta' Mejju 2021 (vide fol 96 et seq)*** u spjegat illi l-ewwel darba li kienet iltaqghet mal-intimat kien fis-sena 2007, meta marret tara l-ommha l-YMCA. L-intimat kien qieghed jilghab mat-tfal tieghu. Illi minn hemm bdew johorgu flimkien u sussegwentement harget tqila. Illi fl-istess perjodu, kienet cemplitlu l-ex mara tieghu fejn infurmatu illi hi ukoll kienet tqila u li t-tarbija kienet tal-intimat, izda l-intimat beda jishaq mal-attrici illi l-ex mara tieghu hija mignuna u li kellha rapporti ma' rgiel ohra.

Illi eventwalment huma zzewgu fit-28 ta' Awwissu 2015 u flimkien huma kellhom tliet itfal. Tixhed illi l-intimat kien iddecieda li jaghmel DNA test ghat-tifla li weldet l-ex mara tieghu u kien irrizulta li t-tifla fil-fatt kienet tieghu. Illi fi Frar tas-sena 2016, kien mar marixxal tal-Qorti id-dar b'xi atti tal-Qorti ghall-intimat minghand certu RG. Meta l-attrici konfrontatu, kien qalilha li ma jafhiex lil din il-persuna. Gara li f'Dicembru tas-sena 2017 l-intimat kellu incident Ghawdex bil-karozza u kien ma' din RG. Illi eventwalment l-intimat kien izzewweg lil din RGbir-rit Musulman. Illi sussegwentement l-attrici bdiet taqbad lill-intimat f'sensiela ta' gideb u saret taf li ma kienx minnu li l-intimat kien qed jahdem l-ambaxxata. Illi sussegwentement l-attrici spiccat trabbi is-sebat it-tfal kollha tal-intimat meta tlieta biss kienu taghha.

Illi mat-trapass taz-zmein ir-relazzjoni taghhom bdiet aktar tiggrava; l-intimat kien jaghmel iljieli shah barra, u kien hemm perjodu fejn sahansitra ghamel gimghat shah boghod mid-dar. Meta kien ikun id-dar kien ikeccieha, isawwat lit-tfal u anke lilha; kien ikun fis-sakra u javvicinaha b'sikkina. Izzid illi fl-2018, l-attrici ghamlet l-ewwel rapport taghha fuq vjolenza domestika, izda kienet hafritlu peress li kien heddiha li kien ser jaqtalha l-paga ta' EUR 150 fil-gimgha. Illi minkejja dan, xorta wahda kien waqaf jghaddilha din is-somma, u kien anke ppretenda li jiehu ic-*children's allowance.* Fis-sena 2018, kien infamaha u kien anke qabad jaghti lilha u lit-tifel. Kien f'dana l-istadju

li hija intavolat il-proceduri ghas-separazzjoni. Tikkonferma illi llum il-gurnata hija tahdem fuq bazi kazwali u tiehu assistenza socjali u children's allowance.

***L-attrici annettiet affidavit mar-rikors promotur (vide fol 18 et seq)*** fejn filwaqt li dak li xehdet viva voce huwa ukoll konfermat fl-imsemmi affidavit, spjegat ukoll illi minkejja li qabel iz-zwieg kien hemm diga diversi argumenti rigward il-vizzju tax-xorb, tarbija mill-ex mara tieghu, u sahanistra anke kien diga refa' jdejh fuqha, hija ddecidiet li tizzewgu ghaliex qatt ma xtaqet li ttelgha lit-tfal minghajr missier. Illi pero' dan l-abbuz zdied wara z-zwieg, kemm fuqha u kif ukoll fuq uliedhom. Fl-affidavit taghha l-attrici sostniet illi meta saret taf li M kienet effettivament bint l-intimat mill-ex mara tieghu, hi kellha taccetta li din it-tifla tigi tghix maghhom. L-intimat dakinhar kien keccha lill-attrici mid-dar. Ghamlet referenza ukoll ghall-atti mill-Qorti li kienu waslu d-dar permezz ta' Marixxal, fejn hemmhekk saret taf b'din RG.

Id-dipendenza fuq ix-xorb kompliet tizdied mat-trapass ta' zmien, u meta kien jidhol id-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu kien jaghmel xenati shah, kien isabbat u jkisser li jsib quddiemu u darba minnhom anke kien haraq lil minuri A b'lighter f'kuxtejh. Izid illi kien hemm perjodu fejn l-intimat kien ibiegh il-haxixa, u kemm –il darba kien talabha tghinu f'dan in-negozju u mhux l-ewwel darba li ghamel ghaliha b'sikkina. Tikkonferma illi l-intimat kien izzewweg lil din RG fit- 2 ta' Jannar 2017, meta l-attrici kienet ghadha tqila b' Saleisha, minkejja li ma kienx ghadu separat minn mal-attrici la bir-rit Musulman u wisq inqas bic-civil. Meta weldet lit-tifla fit-30 ta' April 2017, l-intimat kien mar hames (5) minuti u telaq il-barra. Ziedet illi l-intimat kien jghidilha illi hi ma thobbux ghalhekk ikollhom bniet biss.

Fl-affidavit taghha l-attrici tat dettalji ta' diversi episodji fejn kienet sfat vittma tal-aggressivita' ta' zewgha. Dakinhar tat-23 ta' Dicembru ghalkemm riedha titla id-dar ghall-birthday taghha, wara li inqala argument, l-intimat kien akkuzaha illi hi kienet qieghda taghmel adulterju, u kien qabadha minn xaghra u tefaha mal-art, kissrilha l-*mobile,* u anke hadilha c-cwievet ta' ommha u ma hallihiex titlaq mid-dar.

Fir-rigward l-access, l-attrici spjegat illi wara dan l-incident, lit-tfal beda jarahom taht access supervizjonat, izda anke waqt l-access kien jinqalghu argumenti tant li darba minnhom l-access twaqqaf hesrem wara li l-intimat hebb ghall-minuri. B'digriet tat-2

ta' Novembru 2019, l-Imhallef A Vella kien ordna lill-intimat jivversa sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar bhala manteniment izda l-intimat ghadu ma vversa l-ebda manteniment. Tispjega ukoll illi fir-rigward l-komunjoni tal-akkwisti, m'hemm xejn hlief numru zghir ta' appliances.

***BS, bint l-intimat xehdet nhar it-28 ta' April 2022 l-attrici (vide fol 117 et seq)*** u spjegat illi missierha dejjem kien *trouble maker* man-nisa u qatt ma zamm mara wahda f'hajtu u fiz-zwieg ma' ommha, dejjem kien hemm problemi minhabba nisa ohra. Spjegat illi wara ftit li hi, ohtha u missierha marru jghixu mal-attrici kienu qabduh jiccatja ma' nisa ohra fuq *facebook*. Izzid illi qabel missierha iltaqgha ma' R, kien hemm nisa ohra u ghalkemm l-attrici kienet taf b'dan, l-attrici ma setghatx titlaq lill-intimat ghax kellhom it-tfal flimkien. Tishaq illi l-attrici kienet thobbu lil missierha. Mistoqsija kemm il-mara dahlet bejn l-attrici u l-intimat missierha, ix-xhud sahhet illi kien hemm tliet (3) nisa zgur.

Tixhed illi l-ftit li kien ikun id-dar, lill-missierha kienet tarah dejjem jixrob. Meta din RG dahlet f'hajjet missierha, Galea kienet tara x taghmel biex tbieghdu minn uliedu. Ix-xhud tikkonferma illi meta kienu zghar, hi u ohtha kienu residenti l-YMCA mal-intimat missierhom u kien hemm li iltaqghu mal-attrici, li minn dejjem habbithom u kienet tghinhom, tant li kienet l-attrici li hargithom mill-YMCA. Illi minn hemm kienu marru joqghodu Bugibba. Missierhom u l-attrici kienu zzewgu bir-rit Musulman. Ix-xhud kkonfermat illi hi kellha madwar seba' (7) jew tmien (8) snin meta missierha u l-attrici iltaqghu u llum ghandha wiehed u ghoxrin sena (21). Tixhed illi meta missierha qabad ma' R kien ikun hemm hafna glied id-dar. Missierha dejjem sostna li din Ritienne kienet biss habiba u meta l-attrici indunat li kien hemm xi haga oltre minn hbiberija, l-attrici kienet irrabjat u mwegga. Izzid illi missierha kien jirrabja b' mod ikrah u kien isabbat l-ghamara u anke ikisser il-mobiles, is-siggijiet u kien anke jgholli jdejh fuqha u anke fuq ommha.

***Naomi Darmanin, haddiema socjali fi hdan l–Agenzija Appogg Sezzjoni Vjolenza Domestika, xehdet nhar l-20 ta' Gunju 2022 (vide fol 127 et seq)*** u spjegat illi l-ewwel darba li ghamlet kuntatt maghhom l-attrici kien fis-27 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018). L-attrici kienet spjegatilhom illi kienet ilha f'relazzjoni mal-intimat ghal tnax (12)- il sena u kienu ilhom tliet (3) snin mizzewgin u flimkien kellhom erbat

(4) itfal. Kienet stqarret maghhom illi tul ir-relazzjoni dejjem kien hemm abbuz fiziku u emozzjonali da parti tal-intimat, illi pero' is-sitwazzjoni eskalat minn meta zzewwgu tant li kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur ghand ommha. Dan gara wara li l-intimat kien qabadha minn ghonqha u beda jaghtiha bil-ponn fil-presenza tal-ulied. Izzid illi ftit qabel il-Milied, l-intimat kient talabha tqatta' gurnata mieghu u mat-tfal, u tirritorna lura d-dar. Illi l-attrici kienet qablet li tmur izda meta kien sar il-hin biex titlaq, l-attrici spjegatilhom illi kienet intebhet illi l-intimat kien ha c-cwievet u sakkar il-bieb. L-attrici kienet qaltilhom illi sabiex tevita l-inkwiet, kienet iddecidiet li torqod hemmhekk, illi pero' filghodu inqala argument, u l-attrici regghet sfat vittma ta' abbuz fiziku, u b'xi mod irnexxilha tahrab mid-dar u marret l-ghassa ghall-ghajnuna. Hemmhekk l-intimat beda jgiddibha,

Ix-xhud tishaq illi minn dak li qaltilhom l-attrici, jidher illi kien hemm thedidd serju fejn l-intimat kien anke heddidha li ser joqtolha jew iweggaha jekk jaraha ma' haddiehor u li tul ir-relazzjoni kien hemm kontroll konsiderevoli da parti tal-intimat fuq l-attrici b'dana illi l-attrici la setghet tahdem, la tohorgu wisq anqas tkellem lill-persuni ohra. L-attrici kienet ukoll spjegatilhom illi tul ir-relazzjoni taghha mal-intimat, l-intimat kien anke involut ma' nisa ohra. Ix-xhud tirrakkonta episodju partikolari waqt li l-attrici kienet gejja bit-tfal ghal SAV l-Appogg, l-intimat beda jgebbidha minn idejha u jipprova jbusha u jisforza ruhhu fuqha, fil-presenza taz-zewgt itfal zghar. L-omm spjegatilhom illi it-tifel il-kbir, I kien l-aktar wiehed li soffra taht idejn missieru, ghaliex kemm il-darba gie msawwat anke meta t-tifel kien jaqbez ghal hutu jew ghal ommu l-attrici. Ix-xhud tikkonferma illi filfatt kien hemm incident waqt l-SAV meta l-intimat ghamel ghat-tifel I u filfatt kien gie decis li l-SAV titwaqqaf u gew involuti l-pulizija li jkun hemm stazzjonati l-Appogg. Dakinhar stess, l-intimat kien mar wara l-bieb tal-attrici u ghamel xenata shiha b'ghajjat u tghajjir.

Illi eventwalment l-attrici kienet dahlet tirrisjedi f'*shelter* u dana minhabba l-biza kbira li kienet qieghda tahkima. Illi sakemm kienu is-*shelter*, il-professjonisti bdew jahdmu ma' I u Y peress li kienu l-iktar tnejn li sofrew l-effett tal-abbuz. Izzid illi t-tifel I kien ghamel perjodu fejn la ried jiekol jew jinhasel u kien iqatta l-hin tieghu fis-sodda. Kien jirrifjuta li jkellem lil xi hadd. Illi tul residenza taghha fis-*shelter,* l-attrici kienet tirrakonta episodji varji fosthom meta kienet tqila bl-ahhar wild taghhom li kienet tifla, u kif t-theddid tal-intimat illi peress li kien ser ikollhom tifla ohra. L-attrici spjegat li

skond l-intimat, kien biss meta kellhom tifel li l-attrici kienet thobbu, u sahansitra kien ghamel sikkina ma' zaqqha quddiem it-tfal l-ohra. Il-familjari tal-intimat kienu jaghmlu pressjoni fuq l-attrici biex terga' tirritorna d-dar ghaliex l-intimat, ma kien xejn minghajra, u dan minkejja li fl-istess zmien li l-intimat kien diga' qieghed f'relazzjoni ma' xi hadd iehor. Ix-xhud spjegat ukoll illi l-intimat kellu akkuzi precedent fejn wara argument ma' ragel iehor, kien kiser saqajn dan ir-ragel, illi kien ghamel xi zmien il-habs, u xorta wahda kien icempel lill-attrici gewwa s-*shelter* u jghidilha li jrid iktar tfal minghandha. Illi a kawza ta' dan l-attrici kien ikollha dwejjaq kbar. Illi pero' dan l-ahhar is-sitwazzjoni hija wahda iktar kalma, u wara li harget mis-*shelter*, l-attrici sabet anke xoghol u bdiet tikri residenza pero l-intimat ma jghaddi l-ebda manteniment.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank xehdet nhar is-6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145A et seq)*** u spjegat illi ma rrizultaw l-ebda kontijiet f'isem l-intimat.

***Vanessa Bonello in rapprezentanza tal-Lombard Bank xehdet nhar is-6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145C et seq)*** u kkonfermat illi ma nstabu l-ebda kontijiet bankarji f'isem l-intimat.

***Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar is- 6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145D set seq)*** u esebixxa Dok SC1, dokument li jindika l-vetturi li huma prezentament registrati fuq isem l-intimat, u Dok SC2 liema document jindikat l-vetturi li kienu fil-passat registrati fuq isem l-intimat.

***Rowena Azzopardi in rapprezentanza tal-BNF Bank xehdet nhar is-6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145E et seq)*** fejn ikkonfermat illi l-intimat mhuwiex klijent tal-BNF Bank.

***Patrick Bugeja in rapprezentanza ta' Identity Malta xehed nhar is- 6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145F et seq)*** u spjega illi mis-sena elfejn u tlettax (2013) ' l hawn, l-intimat ghamel erba' (4) applikazzjonijiet, fejn l-ahhar applikazzjoni kienet bhala *exempt person* peress li kien mizzewweg Maltija, u cioe l-attrici. Illi din ir-*residence card* giet revokata fit-2 ta' Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019) ghaliex gew prezentati

provi illi l-intimat ma kienx ghadu jghix ma' martu, u ghalhekk fil-prezent l-intimat m'ghandux permess validu.

***Ri-prodotta nhar it-3 ta' Novembru 2022, l-attrici (vide fol 152 et seq)*** spjegat illi fit-8 ta' Settembru tas-sena 2022, l-intimat rega' beda jibghatilha sensiela ta' messaggi, fejn beda jghidilha illi qieghed ihoss in-nuqqas taghha, u li jhobbha. Illi beda ukoll icempilha. Izzid illi hi marret id-*Depot* wara li marret l-ghassa tal-Qawra fejn sarilha ukoll ir-*risk assessment.* Is-Sibt ta' wara u cioe nhar il-11 ta' Settembru 2022, il-gara taghha qaltilha li l-intimat kien qieghed fit-triq taghha. Fl-istess waqt, it-tifla bghatet messagg li xi had kien qieghed ihabbat mal-bieb. L-attrici qalet lit-tifla biex ma tiftahx. Illi l-gimgha ta'wara cemplitilha bint l-intimat iz-zghira M, fejn infurmata illi l-intimat kien qieghed l-isptar rikoverat gewwa *psychiatric ward*, wara li kien spicca b' *over dose.* L-attrici tishaq illi mill-informazzjoni li ghandha, l-intimat ghamel zmien l-OASI.

***L-intimat prodott nhar it-22 ta' Marzu 2023, (vide fol 165 et seq)*** xehed illi hu u l-attrici kellhom gherusija twila, ta' madwar tnax (12) – il sena, qabel izzewgu. Huma kienu jghixu flimkien u li flimkien kellhom erbat (4) itfal, tlieta (3) qabel iz-zwieg u wild iehor wara li zzewgu. Jishaq illi l-problemi kienu illi l-attrici kienet titlaq ghand ommha wara li kienet tkun hi li taqla argumenti ma'wliedu minn relazzjonijiet precedent. Izid illi kien anke sabilha messaggi minghand rgiel ohra. Jikkonferma illi dan kien fis-sena 2019. Jishaq illi qabel dan il-perjodu qatt ma kien hemm problemi, tant li hu kien johrog lit-tfal, johodhom *camping,* jaghmlu l-*barbeques*. Izid illi kien jaghtiha l-paga kull nhar ta' Gimgha, filwaqt li li hu kien ihallas il-kera, id-dawl u l-ilma, u anke kien xtara *air condition.* Jispjega illi hu kien jahdem fuq bazi part-time f'lukanda ghaliex kien weggha, pero' qatt ma kien jonqoshom f'xejn u llum jahdem bhala *delivery man.* Jishaq illi ma jafx ghalfejn l-attrici martu qieghda titlob is-separazzjoni.

Xehed illi ilu ma jara lill-minuri mill-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u li minkejja li suppost ghandu l-access b'supervizjoni, l-omm ghawwiet lill-uliedu kontra tieghu biex ma jmorrux iktar ghall-access. Illi kemm ilu li hareg mill-habs ma rahhomx iktar. Huwa jichad li refa' jdejh fuq martu.

In ***kontro-ezami,*** l-intimat cahad illi dakinhar tat-22 ta’ Dicembru 2019 huwa sawwat lill-attrici, anzi spjega illi kien organizzalha *birthday party* u kien anke xtralha par imsielet, izda jixhed illi kien gholla lehnu wara li kien sabilha certu messaggi izda jinsisti illi t-tfal ma kienux fin-nofs ta’ dan l-argument.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta’ separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju, abbuz, vjolenza, eccessi, minaccji, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f’artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista’ titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra”.***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F’dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***“L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista’ jkun pruvat permezz ta’ indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika”. (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta’ eccessi intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu***

***tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu f'gherusija li damet circa tnax (12) – il sena. Illi tul din ir-relazzjoni huma kellhom tliet ulied. Illi l-partijiet sussegwentement zzewwgu fit-28 ta' Awwissu 2015 bir-rit Musulman, b'dana illi z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku kif jidher mic-certifikat taz-zwieg a fol 7 tal-atti. Illi wara z-zwieg taghhom il-partijiet kellhom wild iehor u ghalhekk ghandhom erbat itfal li ghadhom kollha minuri.

***Htija ghat-tifrik taz-zwieg***

Illi wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha in atti, din il-Qorti tqis illi kien l-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Illi minkejja dak rilevat fit-trattazzjoni, din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizat minn aggressivita', vjolenza u theddid serju perpetrata mill-intimat fuq il-persuna tal-attrici u fuq l-ulied, b'mod partikolari iz-zewg ulied il-kbar.

Illi din il-Qorti ma tistax ma temminx il-versjoni tal-attrici meta il-Haddiema Socjali inkarigati mill-access b'supervizjoni xehdu li raw b'ghajnejhom stess lill-intimat ikun fizikament aggressiv anki ma' uliedu. Illi filfatt din il-Qorti rat kif ix-xhud Naomi Darmanin, Haddiema Socjali fi hdan l–Agenzija Appogg Sezzjoni Vjolenza Domestika, li xehdet nhar l-20 ta' Gunju 2022 (vide fol 127 et seq) semmiet zewg incidenti partikolari, fejn l-intimat beda jisforza ruhhu fuq l-attrici hi u sejra bil-minuri ghall-access b'supervizjoni, u kif il-Haddiema Socjali kellhom iwaqqfu hesrem l-access ghaliex l-intimat kien ghamel ghat-tifel il-kbir waqt l-access. Semghat ukoll kif

l-imsemmija xhud spjegat li meta l-attrici kienet qieghda s-*shelter* mal-minuri, ftit ftit bdiet tirrakonta dak kollu li ghaddiha minnu l-intimat, u s-sensiela ta' theddid serju li kienet issubiet, u kif ukoll il-vjolenza li hija sofriet anke meta kienet tqila bl-ahhar wild taghhom. Ix-xhud spjegat ukoll kif meta huma bdew jahdmu mal-minuri u b'mod partikolari maz-zewg ulied il-kbar, huma intebhu li l-minuri kienu mhux biss vittmi indiretti tal-vjolenza tal-intimat, imma sahansitra vittmi diretti, **b'mod partikolari it-tifel il-kbir, li kien jidhol fin-nofs sabiex jipprotegi l-omm u l-hutu.** Din il-Qorti rat ukoll il-messaggi li l-intimat baqa' jibat lill-attrici *(vide fol 150 et seq)* minkejja li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-istess attrici.

Illi din l-aggressjoni u natura vjolenti tal-intimat giet ukoll konfermata minn bintu BS, wild minn relazzjoni precedenti tal-intimat, li fix-xhieda taghha nhar it-28 ta' April 2022 l-attrici (vide fol 117 et seq) **spjegat illi l-intimat kien jirrabja b' mod ikrah u kien isabbat l-ghamara u anke ikisser il-mobiles, is-siggijiet u kien anke jgholli jdejh fuqha u anke fuq ommha**. L-imsemmija bint l-intimat xehdet ukoll dwar l-alkoholizmu tal-intimat u kif il-ftit hin li kien ikun id-dar, kienet tarah jixrob. Illi t-testimonjanza ta' BS tikkorabora dak li xehdet l–attrici.

Illi kif gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> ***"M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

Illi din il-Qorti hija moralment konvinta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti. Illi di piu, l-imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici u ma' uliedu hija deplorabbli u jirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta' missier versu uliedu. Illi di piu din il-Qorti rat illi effettivament l-intimat intraprenda relazzjoni amoruza ma' certu RG. Illi l-attrici xehdet fid-dettall fuq ir-relazzjoni tal-intimat ma' din RG, liema relazzjoni giet korraborata

ukoll minn bint l-intimat BS fix-xhieda taghha tat-28 ta' April 2022 l-attrici (vide fol 117 et seq) fejn minghajr tlaqliq xehdet illi missierha dejjem kien *trouble maker* man-nisa u qatt ma zamm mara wahda f'hajtu. Xehdet li z-zwieg tal-kontendenti kien mifni bil-problemi minhabba nisa ohra. Spjegat ukoll illi wara ftit li hi, ohtha u missierha marru jghixu mal-attrici kienu qabduh f'relazzjoni ma' nisa ohra fuq *facebook*. Izzid illi qabel missierha ltaqgha ma' R, kien hemm ukoll nisa ohra u ghalkemm l-attrici kienet taf b'dan, l-attrici ma setghatx titlaq ghaliex hi u missierha kien diga kellhom it-tfal flimkien. Mistoqsija minn din il-Qorti kemm il-mara dahlet bejn l-attrici u l-intimat missierha, ix-xhud sahhet illi kien hemm tliet (3) nisa zgur.

Il-Qorti tqis illi hem provi sgjaccanti illi l-intimat huwa hati ta' adultejru.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, u tenut kont tal-provi kollha in atti, tqis illi l-agir tal-intimat fil-konfront tal-attrici u uliedu jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili. Illi ghalhekk dan l-agir l-jattira l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u tal-Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati in toto l-effetti tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Din il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghandha *in vigore*. Il-Qorti tosserva illi ma gewx esebiti wisq provi rigward il-kontenut tal-komunjoni.

***Dar Matrimonjali:***

Illi mill-provi prodotti partikolarment ix-xhieda ta' Naomi Darmanin, jirrizulta illi l-attrici wara li telqet mis-*shelter,* qieghda tghix f'residenza taht titolu ta' kera. Illi mit-testimonjanza tal-intimat tat-22 ta' Marzu 2023, (vide fol 165 et seq), jidher illi d-dar matrimonjali, ukoll kienet qieghda okkupata mill-partijiet taht titolu ta' kera, u dana stante li l-intimat xehed illi kien hu li kien ihallas il-kera. Illi jidher illi huwa l-intimat li ghadu jabita fid-dar matrimonjali tal-partijiet. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tawtorizza l-intimat jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali.

***Mobbli fid-dar Matrimonjali:***

Illi fl-affidavit taghha *(vide affidavit a fol 18 et seq),* l-attrici rilevat illi fid-dar matrimonjali hemm xi *appliances* li kienu inghataw lill-attrici mill-familjari taghha u cioe chest freezer, toaster, microwave, cooker, washing machine, u Television.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-imsemmija appliances fl-eventwalita li ghadhom fid-dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom u in *good working order* u tordna illi dawn ghandhom jinghataw lill-attrici fi zmien hmistax fid-data ta'din is-sentenza. Illi fin-nuqqas l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 1000 *arbitrio bon viri* lill-attrici.

***Vetturi:***

Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta ***xehed nhar is- 6 ta' Settembru 2022 (vide fol 145D set seq)*** u esebixxa Dok SC1, dokument li jindika l-vetturi li huma prezentament registrati fuq isem l-intimat. Illi mill-imsemmi document jirrizulta illi sad-data tat-testimonjanza tal-imsemmi xhud, l-intimat kellu total ta' tliet vetturi li kienu registrtai fuq ismu, b'dana illi wahda mill-vetturi, u cioe l-Opel Kadett bit-targa JAM 098 kienet giet *scrapped*. Illi skond l-imsemmi document u cioe DOk SC1 A fol 130 tal-atti, jidher illi l-intimat ghandu zewg vetturi l-ohra u cioe l-Ford Fiesta bit-targa JBJ 992 u l-Ford Grand C Max bit-targa NSA 077. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-Ford Fiesta bit-targa JBJ 992 ghandha tigi assenjata lill-attrici, b'dana illi kull multa jew dejn fuq din il-vettura sad-data tas-sentenza ghandhom jigu mhallsa pjenament mill-intimat. Il-vettura Ford Grand C Max bit-targa NSA 077 qieghda tigi assenjata lill-intimat.

***Kontijiet Bankarji:***

Illi kif jirrizulta mill-provi in atti, l-intimat m'ghandu l-ebda kontijiet bankarji intestai f'ismu. Illi bl-istess mod ma gewx esebiti provi rigward kontijiet bankarji intestati f'isem l-attrici. Illi ghalhekk u fic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita li hemm kontijiet bankarji inetstati f'isem l-attrici dawn qieghdin jigu assenjati lilha.

Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ahwa B.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-***

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* **tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".**[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Il-Qorti rat ukoll illi hemm Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Kriminali mill-Onor. Magistrat Dr Astrid May Grima fil-11 ta' Settembru 2020 *(vide fol 13 et seq).*

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-konsiderazzjonijiet maghmula taht is-sezzjoni intestata "Htija ghat-tifrik taz-zwieg", din il-Qorti tordna illi fl-ahjar interess tal-minuri, l-attrici ghandha tkun unikament vestita bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-attrici omm qieghda tigi awtorizzata li tiehu kwalsiasi decisjoni relatata mal-minuri wahedha minghajr il-htiega tal-firma jew il-kunsens tal-intimat, kemm ghad-decizjonijiet straordinarji kif ukoll dawk ordinarji u dana fl-ahjar interess tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-omm, b'dana illi d-domicilju u residenza abbitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti tinnota illi tul il-mori tal-proceduri, gie rilevat illi l-ulied il-kbar, u cioe I u Y ormai ilhom jesprimu x-xewqa li ma jattendux aktar ghall-access supervizjonat mal-intimat missier. **Illi din il-Qorti rat illi kif jirrizulta mit-testimonjanza tal-Haddiema Socjali Naomi Darmanin, l-ulied il-kbar huma l-aktar li soffrew minhabba l-agir abbuziv u vjolenti ta' missierhom.**

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-ulied I u Y anke tenut kont tal-eta taghhom, ghandhom ikunu fil-liberta' li jiddeciedu huma jekk jixtiequx li jattendu ghall-access b'supervizjoni mal-missier. Illi fir-rigward taz-zewg minuri l-ohra din il-Qorti tordna illi l-minuri kollha ghandhom jigu segwiti minn professjonisti li ghandhom jistabilixxu

[10] Enfazi tal-Qorti.

jekk u kif ghandu jigi ristawrat xi tip ta’ kuntatt jew access mal-intimat missier, u jekk tali kuntatt jew access huwiex fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri ahwa B.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***“Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta’ dan il-Kodici.”***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b’hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-meżżi ta’ min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’ oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi din il-Qorti rat illi l-intimat kien gie ordnat jivversa mantenimnet fl-ammont ta' EUR 600 kull xahar ghall-erba ulied minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Illi l-attrici tenniet illi dana l-ammont qatt ma gie versat. Illi sussegwentement fil-mori tal-proceduri din il-Qorti kienet laqghet talba tal-intimat sabiex l-ammont su-indikat jigi ridott, u dana permezz ta'digriet *pendente lite* moghti minn din il-Qorti kif preseduta datat 30 ta' Marzu 2021. Illi fl-imsemmi digriet, din il-Qorti kienet ordnat illi l-ammont precedentement ordnat ghandu jitnaqqas ghall- EUR 500 fix-xahar minn EUR 600 u dana sakemm l-intimat jaghmel it-tieni operazzjoni f'ghonqu u jghaddi perjodu ta' konvalexxenza. Illi filfatt din il-Qorti kienet ordnat illi t-tnaqqis fil-manteniment ghandu jipperdura ghall-perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' dan id-digriet b'dana illi mit-30 ta' Settembru 2021, il-manteniment ghandu jerga' jkun ta' sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar.

Illi fit-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-intimat din il-Qorti semghat illi l-manteniment ordnat jitfa' lill-intimat f'diffikulta li jaderixxi mal-obbligi tieghu anke minhabba l-fatt li l-intimat ghadu jrid jirregola ruhhu ghal dak li jirrigwarda permessi ta' residenza u xoghol f' Malta. Illi din il-Qorti rat illi l-partijiet ghandhom erbat itfal, li ghadhom minorenni. Illi l-ammont ordnat minn din il-Qorti kif diversament preseduta, diviz bejn erbat itfal jammonta ghall-ammont neglibbibli ta' EUR 150 kull wild, kull xahar. Illi din il-Qorti ma tista qatt taccetta illi genituri li jiddeciedu li jgibu t-tfal fid-dinja jabdikaw kapriccozament mir-responsabbilitajiet li naturalment iggib maghha it-trobbija tal-ulied.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li jkun gust li tvarja dak precedentement ordnat minn din il-Qorti kif diversament preseduta u ghalhekk tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 600 kull xahar bhala manteniment ghall-erba' ulied minuri, u dana kif mitlub mill-attrici fit-talbiet taghha, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux fuq bazi full-time. Il-manteniment ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneffiċji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi.

Illi din il-Qorti tordna illi l-ammont ta' EUR 600 kull xahar bhala manteniment ghall-ulied il-partijiet huwa dovut mid-data tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor Mhallef Dr A Vella, b'dana illi ghal perjodu bejn 30 ta' Marzu 2021 u d-29 ta' Settembru 2021, il-manteniment dovut kien fl-ammont ta' EUR 500 kull xahar, filwaqt li mit-30 ta' Settembru 2021 'l quddiem l-ammont ta' manteniment dovut huwa fl-ammont ta' sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar.

***Manteniment ghall-Attrici:***

Illi minkejja li ma saret l-ebda talba da parti tal-attrici ghall-manteniment ghaliha minghand zewgha, stante li ormai l-attrici skond ix-xhieda tal-haddiema socjali Naomi Darmanin, ghandha impjieg, din il- Qorti jidhrilha illi ghandha tirriserva d-dritt tal-attrici li hija ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied il-partijiet esklussivament lill-attrici omm, b'dana illi l-minuri ghandhom ikomplu jirrisjedu mal-omm. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici omm tiehu wahidha d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport u t-tigdid taghhom, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma, kunsens jew presenza tal-konvenut u tordna ir-residenza primarja tal-minuri**

**ghandha tkun mal-omm b'dana illi d-domicilju u r-residenza abitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.**

3. **Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 600 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri ulied il-partijiet, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux fuq bazi full-time. Il-manteniment ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi. Din il-Qorti tordna illi l-ammont ta' EUR 600 kull xahar bhala manteniment ghall-ulied il-partijiet huwa dovut mid-data tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor Mhallef Dr A Vella, u cioe' mit-2 ta' Novembru 2019 'il quddiem, b'dana illi ghal perjodu bejn 30 ta' Marzu 2021 u d-29 ta' Settembru 2021, il-manteniment dovut kien fl-ammont ta' EUR 500 kull xahar, filwaqt li mit-30 ta' Settembru 2021 'l quddiem, l-ammont ta' manteniment dovut huwa fl-ammont ta' sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar.**

4. **Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

   i. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti fl-eventwalita' li jezistu kontijiet bankarji intestati f'isem l-attrici tordna u tassenja l-istess kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, lill-istess attrici, ;**
   ii. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-**

**obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.**

iii. **Tordna illi l-*appliances* li kienu inghataw lill-attrici mill-familjari taghha u cioe chest freezer, toaster, microwave, cooker, washing machine, u TV, li hemm fid-dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom u *in good working order* u tordna illi dawn ghandhom jinghataw lill-attrici fi zmien hmistax fid-data ta'din is-sentenza. Fin-nuqqas, l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' EUR 1000 arbitrio bon viri lill-attrici.**

iv. **Tornda illi l-Ford Fiesta bit-targa JBJ 992 ghandha tigi assenjata lill-attrici, b'dana illi kull multa jew dejn fuq din il-vettura sad-data tas-sentenza ghandhom jigu mhallsa pjenament mill-intimat. Il-vettura Ford Grand C Max bit-targa NSA 077 qieghda tigi assenjata lill-intimat.**

5. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' din is-sentenza;**
6. **Tilqa' is-sitt talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili *in toto* u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

7. **Tilqa' is-seba' talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

8. **Tilqa' t-tmien talba u u tawtorizza lill-attrici izomm kunjom xbubitha u cioe Sultana;**

9. **Tordna illi l-Ordni ta' Protezzjoni in vigore favur l-attrici, il-minuri u familjari taghha ghandu jibqa fis-sehh;**

10. **Tiddikjara illi l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**